# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis sebgha (7) ta' Dicembru 2017**

**Rikors Numru 335/15 FDP**

FI-atti tal ittra ufficiali li ggib in numru 1820/15
fl-ismijiet

**Reuben Bonnici detentur tal karta tal identita numru 448471 (M) ghan nom u in rapprezentanza tas socjeta Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta Gattard House, National Road, Blata Bajda, Malta f'isimha proprju u ghan nom tal Enemalta PLC u l-Korporazzjoni ghas Servizzi tal-Ilma**

Vs

**MedStar Trading Company Limited bin numru tar registrazzjoni C9680**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat mis-socjeta MedStar Trading Company Limited fis 6 ta' Novembru 2015 fejn is-socjeta rikorrenti talbet li gej:

1. *Illi preliminarjament it-talba ta' Reuben Bonnici nomine hija preskritta ai termini tal artikolu 2156 (f) tal Kodici Civili (Kap XVI tal Ligijiet ta Malta);*

2. *Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas suespost, is socjeta rikorrenti bl-ebda mod ma hija debitrici tas socjeta Automated Revenue Management Services Ltd f'isimha proprju u ghan nom tal Enemalta PLC u l Korporazzjoni ghas Servizzi tal Ilma, u dan skond kif ser jigi ippruvat waqt it trattazzjoni tar rikors odjern;*

3. *Illi jekk hemm xi ammont dovut in konnessjoni mal fond Flat 6, Wentworth Court, Triq il Kittien, San Gwann, dan ghandu jithallas minn sid listess fond jew minn min gieghed jokkupah, u certament mhux mis socjeta rikorrenti,*

4. *Illi ghalhekk it talba ghal hlas ta Reuben Bonnici nomine ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu;*

5. *Illi dan ir rikors qed jigi ipprezentat ai fini u effetti k tal artikolu 466(2) tal Kodici tal organizzazzioni u Procedura civili (Kap 12 tal Ligijiet ta Malta) bil ghan li l-ittra ufficjali surreferita ma tigix reza titolu ezekuttiv, u permezz ta' liema is-socjeta rikorrentiq ieghda formalment topponi t-talba aghmulha fl-istess ittra filwaqt li titlob lil dina l-Onorabbli Qorti toghgobha tiddikjara t-talba bhala wahda infondata fil-fatt u fid-dritt.*

Rat ir-risposta tas-socjeta Automated Revenue Management Services Limited ippresentata fit 30 ta' Novembru 2015 fejn laqghet ghal dak mitlub billi qalet is-segwenti:

1. *Illi s-societa' Automated Revenue Management Services Limited intavolat ittra gudizzjanja bin-numru 1820/15 ai termini tal-artikolu tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kontra s-societa rikorrenti*

2. *Illi s-socjeta' esponenti hija kreditrici tas-soéjeta' Med-Star Trading Company Limited fl-ammont ta' hdax-il elf, tlett mija u erbgha u tmenin ewro u tnejn u hamsin centezmi (€11,384.52) rapprezentanti f'konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meters tal-ilma u elettriku, spejjez amministrattivi, connection u disconnection fees, flimkien ma' imghax dovut skont il ligi relatati mal-kont tas-servizzi utili indikat fl-imsemmija ittra ufficjali u dan salv ammonti ohra dovuti.*

3. *Illi s-socjeta esponenti tirrespingi l-pretensjonijiet kollha migjuba mis societa' rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

4. *Illi l-linja difensjonali tas-socjeta' rikorrenti dwar il-preskrizzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt anke in vista' li l-perjodu ta' preskrizzjoni jigi interott permezz ntarjeta', l-ixjenza tad-debitu, l-inekwivocita' u l-esternazzjoni rikonoxximent permezz ta' dikjarazzjonijiet u minn kwalunkwe fatt iehor li jimplika ammissioni, ad exemplum, il-weghda tal-hlas;*

5. *Illi hija s-societa' rikorrenti li hija rregistrata fuq il-kont kwistjoni ghalhekk responsabbli ghal tali kont sakemm ma tigi intavolata applikazzioni sabiex il-kont fuq isem haddiehor;*

6. *Illi l-ittra ufficiali in kwistjoni hija valida u ghandha tigi reza kontra s-socjeta rikorrenti Med-Star Trading Company Limited stante li jissussistu l elementi kollha tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u kien ghalhekk illi s Societa esponenti mexiet mal-procedura kkontemplata fl imsemmi artikolu;*

7. *In vista tas-suespost, u b rizerva ghal kull prova ohra kifikun mehtieg li ggib is-socjeta' esponenti fil-mori ta' dawn il-proceduri, is-socjeta' esponenti hija tal-umli fehma li din l-Onorabbli Qorti ghandha twarrab it-talba tas-socjeta' Med-Star Trading Company Limited, bhala wahda minghajr ebda bazi u li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara li l-ittra ufficjali bin-numru 1820/15 intavolata ai termini tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12, hija reza ezekuttiva kontra s-societa' rikorrenti*

Semghet ix-xhieda ta' **Reuben Bonnici** moghtija fl-4 ta' Frar 2016 u rat id-dokumentazzjoni kollha esebita.
Semghet ix-xhieda ta' **Reuben Bonnici** moghtija fl-14 ta' April 2016 u rat id-dokumentazzjoni kollha esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Reuben Bonnici** moghtija fit-2 ta' Gunju 2016 u rat id-dokumentazzjoni kollha esebita.

Rat illi fl-14 ta' Lulju 2016 il-Qorti giet infurmata illi l-partijiet kienu qed jippruvaw jaslu ghal transazzjoni.

Rat illi fil 5 ta' Ottubru 2017 wara ghaxar seduti, il-Qorti giet infurmata illi kienu qed isiru pagamenti dwar l-import tal-Ittra Ufficjali.

Rat illi fl-4 ta' Dicembru 2017, wara zewgt seduti ohra, il-Qorti giet infurmata illi l-ammont kif mitlub fl-Ittra Ufficjali meritu tal-kawza odjerna thallas kollux, u kien fadal pendenza dwar l-ispejjez tal-proceduri odjerni, dwar liema spejjez ma kienx hemm ftehim.

Rat illi ghalhekk il-Qorti intalbet sabiex tghaddi ghas-sentenza fuq l-ispejjez.

## Ikkunsidrat

Mill-provi kollha tal-kaz u mill-fatt illi l-import kollu mitlub fl-Ittra Ufficjali meritu tal-kawza odjerna thallas kollu, jidher car illi l-ammont kif mitlub kien attwalment dovut lis-socjeta ARMS Limited, u, ghalkemm is-socjeta rikorrenti tikkontendi illi tali hlas kellu jsir minn terzi, kien biss rizultat tad-dilungar tal-proceduri odjern li tali hlas sar.

Jidher illi s-socjeta rikorrenti kienet qieghda tikkontendi li ma kienx dovut minnha izda minn terzi, izda dana certament ma kienx jolqot lis-socjeta ARMS Limited li ghaliha s-socjeta rikorrenti kienet il-legittimu kontradittur.

Ghalhekk, ma ghandu jkun hemm ebda dubju illi l-ispejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu kollha a kariku tas-socjeta rikorrenti.

## Konkluzjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi rat illi l-meritu ta' l-Ittra Ufficjali 1820/15 gie sorvolat bil-fatt illi sar il-hlas ta' l-import kollu mitlub f'tali Ittra Ufficjali,

Tghaddi biex tastejni milli tiehu konjizzjoni tat-talba rikorrent, stante illi l-ammont mitlub attwalment thallas filwaqt illi

**Tikkundanna** lis-socjeta rikorrenti thallas l-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni .

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur